Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Sandro Zarb)
(Ufficjal tal-Immigrazzjoni)
vs
Ye Jun Ye, Jiang Hai Lang, Li Ru Min, Zhou Sha Oe and Wang Rong Ai

Illum 10 ta’ Ottubru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati fuq imsemmija li permezz taghhom huwa gew akkuzati talli matul l-ahhar jiem f’dawn il-gzejjer, iffalsifikaw, biddlu jew ghamlu xi tibdil f’passaport jew uzaw jew kellhom ghandhom passaport li huma jafu li gie iffalsifikat, imbiddel, jew li sar tibdil fih, bi ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamlu uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala persuni li nizlu l-art jew imbarkaw f'Malta, dwar xi nformazzjoni li ghandha tigi moghtija skond jew ghall-finijiet ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni, taw jew geghlu li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz billi pprezentaw lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni passaporti tar-Repubblika tal-Korea bi ksur tal-Artikolu 32(1) (c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-Piena stabbilita skond il-Ligi, tiddikjara lill-imsemmija persuni bhala immigranti pprojbiti u tohrog ordni ta' tnehhija kontra taghhom skond l-Artikoli 14 u 15 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni;

Issibhom hatja u wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kap. 61, 189 tal-Kap 9 u 32, 14 u 15 tal-Kap. 217;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputati ikkolloboraw mal-Prosekuzzjoni waqt l-investigazzjoni, ghandhom fedina penali netta u irregistraw ammissjoni mal-ewwel;

Ghalhekk il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut;

Ghalhekk wara illi rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundannahom kull wiehed ghal prigunerija ta' disa xhur sospizi ghal 18-il xahar millum. Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hatja bir-responsabbilta' taghhom skond il-ligi jekk jikkomettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza;

Il-Qorti tiddikjara lill-hatja bhala immigranti ipprojbiti u tordna t-tkeccija taghhom minn dawn il-Gzejjer.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur